



Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7140/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0009(COD)

CODEC 594
PECHE 92
PREP-BXT 85

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli relatati mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, abbażi tal-Artikolu 42 u 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Frar 2019².
3. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 5668/19.

² Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

³ 7141/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova, bl-astensjoni tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 35/19, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
- jordna li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
